# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 19 ta' Frar 2017
Is-VII Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tas-seba' Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex ngħixu fl-imħabba bejnietna bħala wlied maħbubin ta' Alla.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Lev 19, 1-2.17-18)
Waħda mill-akbar tagħlimiet tal-Iskrittura hija propju l-imħabba fraterna.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 102)
Ħanin u twajjeb il-Mulej!

**It-Tieni Qari** (1 Kor 3, 16-23)
San Pawl jgħallima li aħna lkoll ulied Alla missierna għax HU jgħix fina.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 5, 38-48)
Bi kliem mill-aktar profond, Ġesù jgħallimna li biex nilħqu l-perfezzjoni fil-ħajja tagħna jeħtieġ li nuru l-imħabba lejn kulħadd, saħansitra lejn dawk li forsi m'aħniex f'relazzjoni tajba magħhom.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
L-imħabba twassalna biex noffru dak li hu tagħna lill-oħrajn. F'dan il-mument, bħala ġest ta' mħabba, ejjew noffru l-ħidmiet u x-xewqat kollha tagħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Kien Kristu nnifsu li b'imħabba kbira offra lilu nnifsu għalina. Ejjew għalhekk nieħdu sehem minn din l-offerta tiegħu għalina fl-Ewkaristija.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.